MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Numru 1146/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD CHARLES SPITERI**

**VS**

**JAMES DEGIORGIO**
**EYMER SCHEMBRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati James Degiorgio ta' tnejn u ghoxrin 22 sena, iben Joseph u Moira nee' Camilleri, imwieled Pieta', nhar is-16 ta Gunju 1989, u residenti "La Flerette", Triq Gharghur, Naxxar u detentur tal-karta tal- identita numru 250889(M); u Eymer Schembri ta' dsatax 19-il sena, iben Raymond u Maria Theresa nee' Falzon imwieled Pieta, nhar id- 9 t'Ottubru

1992, u residenti 174, ‘Mon Reve’, Triq Santa Marija , Mgarr, detentur tal-karta tal-identita numru 471092(M).

Akkuzati talli:

Illi f’ dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta’ Ottubru 2011, f’xi hin bejn 4.30 ta’ filghodu u 6:00 ta’ filghodu waqt li kienu fl-inhawi ta Bahar ic-Caghaq limiti ta’ Naxxar u jew fil-vicinanzi ikkommettew serq ta’ flus, mobiles, handbag u dokumenti ufficcjali minn fuq il-persuna ta’ Brigitta Nagy liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-lok.

Illi aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkagunaw griehi ta natura hfief fuq il-persuna ta’ Brigitta Nagy, skond kif certifikat Dr. Mario Sammut M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputati ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kas;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti issib lil imputati **James Degiorgio u Eymer Schembri** hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261, 262, 270, 269, 221,277 (a), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta Malta tqieghed lil imputati Degiorgio u Schembri taht Ordni ta Probation ghal perjodu ta sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal Probation Services jew Probation Officer iehor minnu innominat.

In oltre, ai termini tal-artikoli 383 Kap 9 Il-Qorti tqieghed lil kull wiehed mill-imputati taht garanzija ta mitejn u hamsin ewro ghal perjodu ta sena  b‘ obbligazzjoni li ma javvicinawx, ikellmu jew jimolestaw lil Brigitta Nagy.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta govanili tal-imputati, il-fatt illi ghandhom fedina penali nadifa netta, u l-fatt li rregistraw ammissjoni fl-istadju bikri tal- proceduri

Il- Qorti tordna notifika ta din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------